**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 366/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tony Zammit**

Illum is-sebgħa (7) ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Tony Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 158192(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fit-13 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u l-għaxra u nofs ta' filgħodu, ġewwa Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta'

[1] *A fol.* 34 *et seq.*.

Maria Abela ta' 72 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. fit-12 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu, ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Pace ta' 84 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

3. fil-11 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' l-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu, ġewwa Vjal De La Cruz, Qormi, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Dolores Ciantar ta' 80 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

4. fil-11 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħodu, ġewwa Triq San Ġużepp, Pieta', ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Beatrice Fenech ta' 82 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

5. fl-10 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' tmienja neqsin kwart ta' filgħodu, ġewwa Pjazza San Alwiġi, Birkirkara, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Georgia Micallef ta' 62 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

6. fit-8 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq San Karlu, Għaxaq, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Dorotea Cuschieri ta' 81 sena li hija persuna anzjana;

7. fit-8 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu, ġewwa Triq Santa Marija, Tarxien, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Marija Elena Lughermo ta' 66 sena li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

8. fl-4 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu, ġewwa Triq San Ġorġ, Luqa, ikkommetta serq ta' ġiżirana

minn fuq il-persuna ta' Mary Callus ta' 67 sena, li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

9. fl-4 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħodu, ġewwa Triq Ġużé D'Amato, Paola, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Mary Cassar ta' 75 sena, li hija persuna anzjana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

10. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tad-disa' (9) imputazzjoni u lliberatu minnhom, wara li rat Artikoli 31, 49, 257D, 257F(4), 261(c), 267, 279, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu tnejn u tletin (32) xahar priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 257D(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lil Maria Abela s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250), lil Mary Callus is-somma ta' ħames mija u tmenin Euro (€580), lil Georgia Micallef is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) u lil Dolores Ciantar, Beatrice Fenech, Dorotea Cuschieri, Maria Elena Lughermo s-somma ta' mitt Euro (€100) kull waħda, bħala kumpens għad-dannu soffert minnhom permezz tar-reati u

fin-nuqqas li jsir ħlas kif ordnat, din l-ordni tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għall-fini ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-vettura Nissan Sunny bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO 052, eżebita formalment fl-atti bħala Dok. "FF 7". Għall-fini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat ukoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat sabiex jingħata t-trattament meħtieġ sabiex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perjodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kondizzjonijiet elenkati f'digriet li ngħata mas-sentenza. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' elfejn, erba' mija u ħmistax-il Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€2,415.83) rappreżentanti l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti maħturin fil-proċeduri. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* kif ukoll lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell u* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata kif ġej: (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux ħati tat-tieni u tad-disa' imputazzjoni; (2) tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva; (3) u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell b'dan il-mod billi tiddikjara lill-esponenti appellanti mhux ħati u tilliberah skont il-liġi; (4) alternattivament u mingħajr preġudizzju, tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2021.

Illi l-atti proċesswali ta' dan il-każ jirrigwardaw għadd ta' serqiet *"snatch and grab"* li saru fuq diversi nisa f'diversi partijiet ta' Malta. Il-Pulizija rċeviet informazzjoni anonima li l-malvivent kien ħalla l-post b'vettura griża Nissan.

Illi l-appellant iressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu u l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-imputazzjonijiet kif jidhru fl-ewwel żewġ paġni tal-proċess meta dawn filfatt ġew korretti fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018 meta żdiedet imputazzjoni oħra. Jgħid li akkużat jitressaq b'arrest darba biss waqt li dan tressaq darbtejn taħt arrest u hawn jirreferi għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Jgħid li fis-sezzjoni dwar il-provi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti semmiet is-serqiet u d-dati li jidhru fit-tieni ċitazzjoni (*a fol. 34* et seq.).

Illi din il-Qorti tinnota li meta l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fl-14 ta' Ottubru 2018 huwa kien akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet (*a fol.* 1 *et seq.*). Jirriżulta li sussegwentement il-Prosekuzzjoni ppreżentaw ċitazzjoni oħra (*a fol.* 34 *et seq.*) quddiem l-Ewwel Qorti u l-imputazzjonijiet reġgħu nqraw bil-ġurament u reġa' sar dak li kellu jsir skont il-liġi (*a fol.* 32).

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li fil-bidu tagħha hemm riprodotti l-imputazzjonijiet kif kienu oriġinarjament kontra l-appellant allura imputat fl-ewwel ċitazzjoni. Fil-korp tas-sentenza ssir riferenza għall-imputazzjonijiet kif jirriżultaw fit-tieni ċitazzjoni li ġiet ippreżentata quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi filwaqt li fil-bidu tas-sentenza appellata hemm elenkati disa' (9) imputazzjonijiet (bid-disa' waħda tkun dik tar-reċidiva) (*a fol.* 481 *et seq.*), fit-tieni ċitazzjoni (*a fol.* 34 *et seq.*) li ġiet eżebita quddiem l-Ewwel Qorti hemm elenkati għaxar imputazzjonijiet (bl-għaxar waħda tkun dik tar-reċidiva).

Illi minkejja li fis-sentenza appellata hemm imsemmija s-serqiet li bihom ġie akkużat l-appellant pero' filwaqt li bidu tas-sentenza appellata hemm imniżżla disa' imputazzjonijiet, fid-*decide* tagħha l-Ewwel Qorti tagħmel riferenza għal disa' imputazzjonijiet **u <u>għall-addebitu tar-reċidiva</u>** li, kif diġa' ngħad, fit-tieni ċitazzjoni ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti hija enumerata bin-numru għaxra.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ngħad minnha aktar 'il fuq iġib mieghu in-nullita' tas-sentenza appellata u dana peress li hi

karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali bi ksur ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma setgħetx l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha l-ewwel tagħmel elenku tal-imputazzjonijiet li tagħhom skont hi l-appellant kien akkużat bihom quddiemha mbagħad issibu ħati jew tilliberah minn imputazzjonijiet differenti.

Illi din il-Qorti jidhrilha illi n-nullita' hija wahda tali li timporta aktar milli ksur ta' formalita' essenzjali stante illi d-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberatorja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kienux jaqblux ma' dawk li hemm imniżżla fil-bidu tas-sentenza appellata.

Illi għalhekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-bqija tal-ewwel aggravju tal-appellant u tal-aggravji l-oħra tiegħu.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**